**9 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. *Joseph Said Pullicino* B.A. (Hons.), LL.D. - *President***
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Elizabeth Said

*versus*

Direttur tas-Sigurtà Soċjali

**Att dwar is-Sigurtà Soċjalli - Artikolu 102**

*Appell minn deċiżjoni ta' l-Arbitru. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat illi d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali kellu dritt ta' rifużjoni ta' ammont imħallas minnu in eċċess ta' dak dovut.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn deċiżjoni ta' l-arbitru li kkonfermat deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali li biha kien iddekreta li kellu dritt ta' rifużjoni ta' ammont imħallas minnu in eċċess ta' dak dovut lill-appellanti. L-arbitru ta din id-deċiżjoni fil-25 ta' Lulju, 1997;

"Dan l-appell qed isir mid-deċiżjoni tad-Direttur tas-26 ta' Frar, 1997, fejn iddikjara li kien sar ħlas żejjed ta' Lm176.64 fl-Għajnuna Soċjali fil-perijodu mid-9 ta' Marzu, 1996 sas-7 ta' Marzu, 1997 u għalhekk huwa se jibda jnaqqas Lm2.00 fil-ġimgħa mill-ħlas ta' l-Għajnuna Soċjali;

Skond l-artikolu 102 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;

Ħlief kif ipprovdut fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 98 ta' dan l-Att b'seħħ mill-1 ta' April, 1978, kull persuna li tkun irċeviet xi somma bħala benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna taħt dan l-Att li ma kellhiex dritt għalih skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, għandha tħallas lura lid-Direttur

is-somma li tkun hemm irċeviet, u d-Direttur għandu, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li ttih il-liġi, jiġbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għaliha wara dan;

Iżda b'seħħ mis-6 ta' Jannar, 1990:

Meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' preżentazzjoni ħażina ta' fatti materjali (sew jekk in-nuqqas ta' stqarrija jew preżentazzjoni ħażina kienu jew ma kinux bi frodi) ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għaliom wara dan għandu jiġi deċiż mid-Direttur iżda fl-ebda każ ma għandu jkun anqas mill-ekwivalenti ta' 10% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan; u

Meta dan il-ħlas żejjed b'riżultat ta' xi eventwalità li ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fil-paragrafu (1) ta' dan il-proviso r-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu ukoll jiġi deċiż mid-Direttur iżda f'ebda każ ma għandu jkun aktar mill-ekwivalenti ta' 5% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, *allowance* jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan, sakemm il-benefiċjarju jew il-pensjonant ikkonċernat, skond kif ikun il-każ, jitlob illi rata ogħla ta' dak it-tnaqqis tiġi effettwata, iżda hekk fi kwalunkwe każ id-Direttur ma għandu jkollu ebda dritt li jagħmel kull tnaqqis bħal dak kif imsemmija f'dan il-paragrafu dwar il-ħlasijiet żejda li jkunu saru qabel il-perijodu ta' sentejn qabel id-data li fiha d-Direttur ikun sar jaf b'dak il-ħlas żejjed irrispettivament mill-perijodu li għalih dak il-ħlas żejjed jirreferi;

Id-Direttur qed isostni li meta kien qed jagħmel ir-reviżjoni tal-benefiċċju pagabbli lill-appellanti ħa żball għaliex mid-dħul ta' l-appellanti naqqas Lm16.00 fix-xahar li l-appellanti tħallas lil-Lohombus Corporation bħala rifużjoni ta' self;

Fin-nota tiegħu tas-17 ta' April, 1997 id-Direttur sostna illi:

"Dan ma setax isir għax inkella d-Dipartiment ikun qiegħed jissussidja l-imgħax dovut mis-Sinjura Said lil-Lohombus Corporation";

Dwar dan il-punt l-appellanti fin-nota tagħha ta' l-14 ta' Mejju, 1997 issottomettiet f'paragrafu 4 illi:

"Is-self tal-Lohombus ġie magħmul f'isem ir-raġel li għadu ukoll joqgħod fid-dar iżda l-pagamenti tal-kapital qed isiru mill-appellanti;

Anke hawn ifixkel id-Direttur għaliex is-Lm16 fix-xahar huwa ħlas ta' kapital u l-interessi jammontaw biss għal 95 ċenteżmu fil-ġimgħa u mhux Lm3.69";

Skond l-artikolu 30 (6) ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali:

"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Għajnuna Soċjali li għaliha kap ta' familja jkun intitolat għandha tkun dak l-ammont fil-ġimgħa li twassal il-mezzi fil-ġimgħa totali tal-membri kollha ta' familja tiegħu li skond dan l-Att la jkunu persuni mpjegati u lanqas persuni li jaħdmu għalihom infushom, kalkolati skond it-Taqsima VI tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, sar-rata ta' l-iskala ta' dik il-familja, kif stabbilit bit-

Taqsima I tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att";

Skond Taqsima VI tat-Tieni Skeda:

"Meta jsir il-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att, għandhom jitqiesu kull proprjetà, dħul jew privileġġ skond kif ikun indikat fil-paragrafu 1 tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda. B'dan li m'għandhomx jitqiesu l-ewwel Lm200 li jsiru bi qliegħ minn persuna li tagħmel ħdim ta' malajr bl-idejn, bizzilla, xogħol tal-ganċ u rakkmu, ġewwa d-dar, u li l-manifattura ta' dak l-artiġġjanat ma tkun tinvolvi ebda proċess mekkaniku, u meta jinqabeż il-limitu ndikat fl-imsemmi *proviso* li hemm mas-subparagrafu (a) tal-paragrafu (1) tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda, il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna Soċjali għandha titqies li ma tkunx intitolata għal dik l-għajnuna;

Il-mezzi li jinġabru jew li jistgħu jinġabru minn kull proprjetà, dħul jew privileġġ kif imsemmijin fit-Taqsima II ta' din l-Iskeda għandhom jinħadmu bil-mod imsemmi fil-paragrafi minn 2 sa 5 ta' l-imsemmija Taqsima II, iżda hekk illi minkejja d-disposizzjonijiet tas-subparagrafu (b) tal-paragrafu 4 tagħha, għandha titqies kull Għajnuna Soċjali u/jew pensjoni, jekk ikun il-każ, li tkun ġà qiegħda titħallas taħt dan l-Att lill-istess kap ta' familja u lil martu, jekk ikun il-każ, fiż-żmien meta ssir it-talba għal dik l-għajnuna";

Paragrafu I (a) tat-Taqsima II jipprovdi illi:

"1. Fil-kalkolu ta' mezzi għall-finijiet ta' l-artikolu 20 ta' dan l-Att, għandu jitqies:

(a) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, il-valur ta' kull proprjetà (minbarra d-dar tar-residenza) li tkun tal-membri kollha tal-familja li la jkunu

persuni mpjegati lanqas persuni li jimpjegaw lilhom infushom jew persuni li jaħdmu għallihom infushom skond dan l-Att li hija jew tista' tkun investita jew użata bi qligħ b'esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija jew oġġetti oħra personali;

Iżda, meta l-flus fil-banek u fl-idejn (inklużi assi likwidi, depożiti għal xi żmien, *bonds*, *stocks*, azzjonijiet u *securities* oħra) u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbiljari urbana (bl-esklużjoni tad-dar fejn wieħed joqgħod) li ma tkunx qed tintuża bi qligħ, ikunu flimkien jaqbżu:

(i) Lm4,000 fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'membru wieħed biss jew f'numru ta' membri li l-kap tagħhom ikun persuna mhux miżżewġa jew ġenitur singlu; jew

(ii) Lm7,000 fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'għall-anqas il-kap tal-familja u martu;

Il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna għall-Mard ma għandhiex titqies li tkun intitolata għal dik l-għajnuna";

Ma jirriżultax illi l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jipprovdi illi ħlasijiet bħala rifużjoni ta' self għal xiri ta' dar għandhom jitnaqqsu mid-dħul fil-kalkolu għall-Għajnuna Soċjali;

Irriżulta għalhekk illi d-deċiżjoni tad-Direttur li jirrevedi r-rata ta' l-għajnuna soċjali mingħajr ma jnaqqas mid-dħul il-ħlasijiet lil Lohombus hija skond il-liġi;

Għaldaqstant l-Arbitru jiċħad dan l-appell";

Ir-rikorrenti Elizabeth Said ħasset ruħha aggravata missentenza ta' l-Arbitru u appellat minnha quddiem din il-Qorti

kif ġej:

Fl-ewwel lok eċċepiet in-nullità tad-deċiżjoni ta' l-Arbitru billi d-deċiżjoni tad-Direttur ma kinitx tirrigwarda reviżjoni tar-rata ta' l-Għajnuna Soċjali li tirċievi l-appellanti, iżda biss rifużjoni ta' ħlas allegatament magħmul żejjed;

Eċċepiet ukoll in-nullità tad-deċiżjoni ta' l-Arbitru billi dan kien issanzjona deċiżjoni tad-Direttur fuq motivazzjoni li apparentement ma kinitx ir-raġuni li fuqha bbaża d-deċiżjoni tiegħu d-Direttur. Dan fis-sens li d-deċiżjoni kontra l-Arbitru kienet imperniata fuq is-self u ħlas lura ta' somma lil-Lohombus, mentri dak li kellu jiġi kkunsidrat kienu d-*dividends* u l-ishma li kellha l-appellanti fil-Marsa Steel. Dawn dan l-Arbitru ma kien, fil-fatt, ittratta xejn;

Bla preġudizzju għal dan, l-appellanti qed tissottometti li d-Direttur kellu diversi żbalji, fosthom anke fir-rigward ta' l-ammont ta' azzjonijiet li l-appellanti kellha fis-soċjetà msemmija. Hi fil-fatt ma kellhiex ħames mija (500) iżda sebgħa u erbgħin (47) sehem biss, u dan kien fatt li jagħmel differenza. Anke fir-rigward tad-dejn li l-appellanti kienet għadha qed tħallas lil-Lohombus, id-Direttur, kif ukoll warajh l-Arbitru, kienu f'ċerti aspetti skorretti;

Il-Qorti qabel xejn tinnota illi d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali irtira l-eċċezzjoni preliminari tiegħu li r-rikors kien irritu u null billi kien ġie ppreżentat *fuori termine* t-30 ġurnata preskritti mill-artikolu 109 tal-Kap. 318;

Din il-Qorti ma tifhimx l-ewwel aggravju tan-nullità ssollevata mill-appellanti, illi d-deċiżjoni tad-Direttur ma kinitx tirrigwarda r-reviżjoni tar-rata ta' Għajnuna Soċjali li tirċievi l-appellanti, iżda biss ir-rifużjoni tal-ħlas allegatament magħmul

żejjed. Hu fatt li d-Direttur appellat qed jippretendi u jesiġi r-rifużjoni ta' ammont skond hu imħallas indebitament lill-appellanti. Dan l-ammont kien wasal għalih wara eżami mill-ġdid tad-dħul li kien irriżultalu li l-appellanti kellha fis-snin rilevanti li kien jindika awment fuq dak minnha ddikjarat;

Hi allura konsegwenzjali d-deċiżjoni li r-rata ta' benefiċċju li għalih l-appellanti kellha tkun intitolata, kellha tvarja minn dik preċedentement stabbilita, fis-sens li kellha tonqos in vista tal-fatt illi l-bżonn għall-għajnuna li l-liġi tipprovdi għalih, kien ippruvat li kien anqas. F'dawn iċ-ċirkostanzi żieda fl-introjtu neċessarjament tipprovoka tnaqqis fir-rata tal-benefiċċju. It-talba għar-rifużjoni da parti tad-Direttur ta' ammont ta' benefiċċju mħallas, skond hu, indebitament, seta' biss jiġi stabbilit wara li l-istess Direttur ikun irriveda r-rata ta' benefiċċju, li skond id-Direttur, l-appellanti kienet intitolata għalih. Rata li naturalment tibqa' stabbilita u valida sakemm ma jiġix ippruvat li kien hemm tibdil għall-aħjar jew għall-agħar fid-dħul tal-persuna assistita. Dan l-aggravju hu allura insostenibbli;

Hu ukoll insostenibbli aggravju ieħor ta' l-appellanti li d-deċiżjoni ta' l-Arbitru kienet nulla għaliex filwaqt li d-deċiżjoni tad-Direttur ikkunsidrat id-*dividends* u l-ishma li kellha l-appellanti fil-Marsa Steel, l-Arbitru bbaża d-deċiżjoni tiegħu u mpernjaha fuq is-self u ħlas lura mill-appellanti ta' self lil-Lohombus. L-appellanti ssostni illi mill-bidu sa l-aħħar id-deċiżjoni ta' l-Arbitru ma kien ittratat xejn minn dan kollu u kienet għalhekk nulla;

Din il-Qorti ma tasalx għall-istess konklużjoni. Jidher infatti li l-Arbitru kien qed jikkunsidra l-kwadru kollu tad-dħul ta' l-appellanti imma għamel enfasi speċjali fuq l-aspett li jirrigwarda l-ħlas lura tad-dejn lil-Lohombus Corporation

għaliex kien fuq dan l-aspett li d-deċiżjoni tad-Direttur, quddiemu appellata, kienet iffokat l-aktar. Dan hu aktar minn ovvju, kemm mill-inkartament tal-proċedura quddiem l-Arbitru, kif ukoll u aktar, min-nota ta' kjarifika dwar il-każ ippreżentata mid-Direttur biex jispjega kif wasal għad-deċiżjoni tiegħu li jnaqqas ir-rata ta' benefiċċju mill-appellanti kontestata. Minn din in-nota infatti jidher ċar illi l-kwistjoni tad-dejn mal-Lohombus Corporation kienet materja li nduċiet id-Dipartiment fil-kalkolu żbaljat. Infatti, id-Direttur jgħid *expressis* "jirriżulta ukoll illi s-Sinjura Said kellha dejn mal-Lohombus Corporation u liema dejn is-Sinjura Said kienet tħallas lura *instalments* ta' sittax-il lira fix-xahar. Bi żvista l-assessur naqqas din ir-rata ta' *instalments* mid-dħul ta' l-applikanta għat-test tal-mezzi. Dan ma setax isir għax inkella d-Dipartiment ikun qiegħed jissussidja l-imgħax dovut mis-Sinjura Said lil-Lohombus Corporation";

Hu ċar għalhekk li dan il-punt ikkontestat mill-appellanti kien meritu li kellu jiġi nvestit mill-Arbitru li ġustament tah ritjev in kwantu kien jeżorbita minn sempliċi proċess ta' kalkolu matematiku kif kienu jimportaw l-iżbalji tad-dħul dikjarat mill-ishma fil-Marsa Steel, u kienu sa ċertu punt jinvolvu interpretazzjoni ta' dritt;

Il-fatt li l-Arbitru ma elaborax dwar aspetti oħra tal-kwistjoni lilu sottomessi fid-deċiżjoni tiegħu ma jfissirx li ma jkunx ikkunsidrahom fid-deliberazzjonijiet tiegħu u ma jkunx iddeċieda in piena konoxxenza u konjizzjoni ta' dawn il-fatti lilu sottomessi;

Dan l-aggravju għandu jiġi ukoll respint;

L-istess għandu jingħad għall-aggravju ta' l-appellanti fil-meritu. Mhux meħtieġ li l-arbitru, fid-deċiżjoni tiegħu, jirrelata

dwar kull sottomissjoni lilu maghmula mill-appellanti jew mid-Direttur. Mhux ikkontestat illi uhud mis-sottomissjonijiet ta' l-appellanti fin-Nota taghha ta' l-10 ta' Mejju, 1997, jista' jkunu validi. Però dan ma jfissirx li b'daqshekk id-deċiżjoni tad-Direttur kellha titqies li kienet neċessarjament żbaljata. Hekk per eżempju, ghalkemm jista' jirriżulta li l-azzjonijiet miżmuma mill-appellanti kienu 47 biss kif minnha sottomess fl-appell u mhux 500 kif donnu jindika d-Direttur fil-kalkolu tieghu, ghall-fini ta' determinazzjoni ta' dhul li hu importanti, mhux in-numru ta' azzjonijiet iżda l-introjtu li dawn jaghtu u fir-rigward ta' dan l-introjtu fis-snin relevanti, is-sottomissjonijiet maghmula mill-appellanti quddiem l-Arbitru jindikaw varjazzjonijiet marġinali li mhux ta' sustanza. Varjazzjonijiet riżultat ta' kalkoli matematiċi li din il-Qorti ma jidhrilhiex li jistghu jiffurmaw meritu ta' appell quddiemha, in kwantu hu biss konsentit appell fuq punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza;

Fir-rigward tat-tnaqqis li d-Dipartiment kien oriġinarjament ghamel favur l-appellanti fir-rigward tal-hlasijiet minnha maghmula biex jiġi saldat id-dejn li kellha mal-Lohombus Corporation, din il-Qorti tikkondivi s-sottomissjoni tad-Direttur li ċertament il-liġi dwar is-Sigurtà Soċjali ma kienet qatt intiża biex taghmel tajjeb ghad-djun li jkunu nkorrew persuni mal-Lohombus biex jibnu djarhom. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li ghamel l-appellanti illi una volta d-dar ta' residenza ma kellhiex titqies fir-rigward tal-komputazzjoni tal-mezzi, id-dejn fuqha kellu jiġi kkunsidrat b'mod speċifiku u mhux b'mod ġenerali. Dan apparentement fis-sens illi r-rati ta' hlas lura tas-self kellhom jiġu kkunsidrati mid-Dipartiment mhux bhala ammont wiehed, imma bhala żewġ ammonti, dik ir-rata pagabbli ghall-kapital u l-parti l-ohra pagabbli ghall-imghax. Jissottometti allura li kienet il-parti relatata ghall-hlas lura ta' l-imghax - f'dan il-każ ammont biss ta' 95c fil-ġimgha - li kellu jitqies ghandu jithallas mill-

appellanti lill-Korporazzjoni mid-dħul proprju tagħha. Din id-distinzjoni però ma tirriżulta bl-ebda mod ġustifikata fil-liġi;

L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jistabbilixxi x'kellu jkun imnaqqas mid-dħul iddikjarat u ppruvat ta' persuna li tkun qed titlob li tiġi assistita biex isir il-kalkolu jekk tali persuna kinitx intitolata għal dik l-assistenza u fil-każ affermattiv b'liema rata. Una volta l-liġi ma tipprovdix għat-tnaqqis mid-dħul tax-xorta pretiża mill-appellanti, hu naturali li ma kienx leċitu li d-Direttur jieħu konsiderazzjoni ta' kull ħlas li sar mid-dħul ta' l-appellanti biex jissalda d-dejn mal-Lohombus Corporation, sew jekk dan kien ta' natura kapitali, sew jekk kien maħsub biex jissalda l-imgħax;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u d-deċiżjoni ta' l-Arbitru kkonfermata. *L-ispejjeż jitħallsu mill-appellanti.*